## AVVIŻI

1. Il-Ħadd 1 u 15 ta’ Lulju 2018 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 5 u 19 ta’ Awwissu 2018 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 2 ta’ Settembru 2018 fis-6.00p.m.
   Il-Ħadd 16 ta’ Settembru 2018 fil-5.30p.m.
   Il-Ħadd 7 u 21 ta' Ottubru 2018 fil-5.00pm.
2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. **Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista’ jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.
3 Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta’ sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320 jew email fuq ourladyofconsecration@gmail.com.
4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba’ kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż kif ukoll brochure b’informazzjoni ġenerali dwar Ġuża u l-Girgenti. Dawn il-kotba u l-brochure jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz hawn fuq imsemmi.
5. Wieħed jista’ jakkwista wkoll santi bit-talba ta’ interċessjoni ta’ Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains,* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.
6. Kopji antiki ta’ dan il-fuljett jistgħu jinqraw minn fuq il-website.
7. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org
8. Facebook: Madonna tal Konsagrazzjoni u Youtube: Guza Mifsud

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta’ dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

Best Print - Qrendi

NEWSPAPER POST VO/0236

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 115 Lulju 2018 JITQASSAM BLA ĦLAS



*Il-pellegrinaġġ waqt il-laqgħa tas-6 ta' Mejju 2018*



*Patri A. Mamo waqt l-Adorazzjoni Ewkaristika tat-3 ta' Ġunju 2018*

## TNEJN U TLETIN SENA FIL-GIRGENTI

Tnejn u tletin sena għaddew bħal ħolma. Bħalissa qed inġib quddiem għajnejja l-istatwa għadha d-dar ta’ Ġuża, imbagħad fil-5 ta’ Mejju 1986 filgħaxija titgħabba fuq karozza fejn titwassal sa’ ħdejn it-Troll. Minn hemm il quddiem tintrefa’ fuq l-ispallejn minn uħud mill-ħafna devoti li kienu preżenti. Il-Mulej biss jaf il-ġid spiritwali li sar minn dakinhar sallum!

Il-Ħadd 6 ta’ Mejju 2018 fakkarna dan l-anniversarju. Għal darba oħra erġajna tlajna din it-triq dejqa u mserpa nirreċitaw ir-ružarju u nitolbu mhux

biss għalina preżenti imma għal dawk kollha li matul iż-żmien talbuna biex nitolbu għalihom u għall-proxxmu kollu.

Mal-wasla tad-devoti quddiem l-istatwa tal-Madonna tkanta l-Innu lill-Madonna, wara saret il-viżita lill-Madonna u ntqalet it-talba tal-Konsagrazzjoni lill-Madonna.

## KONSAGRAZZJONI TAL-FAMILJI

Komplejna bit-talba tal-konsagrazzjoni tal-familji lill-Qalb ta' Ġesù u ta' Marija. Kien hemm familji li għamlu l-konsagrazzjoni għall-ewwel darba filwaqt li oħrajn ġeddew il-konsagrazzjoni tagħhom. Din it-talba li ngħatat l-*imprimatur* u n-*nihil obstat* mill-Kurja Maltija fit-28 ta' Jannar 2011, tgħid hekk:

Qalb divina ta' Ġesù u qalb purissima ta' Marija, aħna illum irridu nikkonsagrawlek lilna nfusna u l-familja tagħna. Irridu li tkunu intom is-sidien assoluti tal-familja tagħna.

Qlub imqaddsa ta' Ġesù u Marija, l-aktar qlub qaddisa u maħbuba tal-Missier Alla, saltnu fuqna u fuq il-familja tagħna bħala familja tagħkom biss. Eħilsu l-familja tagħna mill-ħażen u kull ħsara tax-xitan u tal-bnedmin, ħarsuha u iddefenduha dejjem... il-familja sħiħa u kull membru tagħha.

Imlewna bil-barka u r-risq f'kull għemil tagħna. San Ġużepp ta' qalb l-aktar safja, missier il-Familja Mqaddsa, kun int ukoll il-missier ta' din il-familja bħala l-familja tiegħek kif kienet il-familja ta' Nazaret.

Qlub imqaddsa ta' Ġesù u ta' Marija, żommu magħqudin magħkom lil din il-familja tagħna, biex kif aħna ikkonsagrati lilkom f'din l-art, inkunu ilkoll familja waħda fis-sema, flimkien magħkom għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## ĊERIMONJA TAL-QANPIENA

Il-laqgħa kompliet b'dik li ngħidulha ċ-ċerimonja tal-qanpiena. Infakkar li din iċ-ċerimonja hija marbuta ma' grazzja spiritwali li nqalgħet il-Girgenti. Kien hemm persuna li kienet tidgħi ħafna u kienet ta' spiss titla' titlob ħdejn il-Madonna sabiex taqta' dan il-vizzju. Filfatt irnexxielha u tat xi flus lil Ġuża sabiex hemmhekk titpoġġa qanpiena sabiex bl-ilsien tagħha din il-qanpiena tfaħħar lil Alla u tpatti għad-dagħa li kienet tagħmel hi b'ilsienha.

Ġuża kienet qaltilna li dwar dan talbet ħafna lill-Madonna u tallega li l-Madonna qaltilha sabiex il-qanpiena ssir u f'kull laqgħa jindaqqu ħames tokki: tliet tokki ad unur is-Santissima Trinità, tokka oħra ad unur il-Madonna u tokka għad unur San Ġużepp u l-qaddisin kollha. Dawn it-tokki jkunu akkumpanjati b'talb ta' riparazzjoni għad-dagħa.

Ta' min jgħid li din iċ-ċerimonja ma' ssirx biss fil-laqgħa ta' Mejju imma f'kull laqgħa organizzata fl-ewwel u t-tielet Ħadd ta' kull xahar.



## MESSAĠĠ B'LEĦEN ĠUŻA MIFSUD

Bħal kull sena imbagħad instema messaġġ ta' ftit minuti b'leħen Ġuża Mifsud.

"...il-Madonna qaltli, "F'dawk l-inħawi tal-Girgenti, jiena wkoll irrid li jkun hemm l-għuda tas-salib fejni preżenti, biex id-dinja tkun taf li dak qiegħed fejni bħala rahan ta' fidwa mhux biss għal-gżejjer ta' Malta u Għawdex tagħkom imma għad-dinja kollha. Dana urijhomlom nhar ix-xahar ta' Mejju f'dik il-laqgħa illi jekk Alla jrid jiena ħa nġagħalek illi inti titla' għaliex il-Mulej ħa jgħinek u jagħtik saħħtek biex inti tkun tista' tippreżenta dan l-att hekk sabiħ li għandu jkun għall-art tagħkom, għall-fidi tal-art ta' Malta u Għawdex u għall-fidi tal-barra mill-art tagħkom, rigward l-Ewropa, l-univers tad-dinja u 'l bqija." Il-Madonna qaltli, "Dan is-salib għandu jservi mezz ta' paċi biex jgħaqqad id-dinja kollha ma' Malta għax jekk intom f'Malta turu l-vera qawwa tal-fidi tagħkom, minn Malta tista' tibda l-paċi. Ħejju ruħkom għal ħafna talb, dawk li ma jistgħux jagħmlu mortifikazzjoni jew penitenza ma jimpurtax, jitolbu lill-Mulej, jitolbu lill-qaddisin li hemm fis-sema biex dawna b'mod speċjali jgħinukom għall-bqija tal-pajjiż tagħkom, rigward għall-futur ta' Malta u tal-bqija tad-dinja biex dina l-paċi tkun tista' tibda ssaltan minn artkom għall-artijiet oħra.

Issa inti dan is-salib itla' ippreżentah inti u għidilhom li fejn din l-istatwa li jiena ppreżentajt sena ilu, il-Madonna fejnha trid ukoll li jkun hemm l-għuda tas-salib li fuqu ssammar Kristu Ġesù għas-salvazzjoni ta' l-umanità kollha tad-dinja, ta' kemm kien hawn nies sa issa, tan-nofs, tal-preżent u ta' dawk illi jridu jiġu. U dan is-salib …ippreżentah u għid bih li dan is-salib irid iġib il-paċi bħalma darba ġabet il-paċi Santa Elena, meta ħaffret għal dawk it-tliet slaleb u minnhom instab is-salib ta' Ġesu u hekk ħa jiġri f'Malta tagħkom, f'din in-naqra art tagħkom żgħira kemm hi żgħira, imma tant hija preżżjuza quddiem Alla. Għalhekk Alla jrid u qed jaħseb ħafna għall-paċi f'nofskom għax mill-art tagħkom trid tibda ssaltan il-paċi. Alla jridha l-paċi, issa dana li jiddependi minn nies li huma ta' rieda ħafna tajba u mill bqija li huma ta' rieda hekk ħażina."

Din il-laqgħa kienet animata b'kant marjan mit-Tenur Charles Vella Zarb akkumpanjat fuq l-orgni mis-Sinjura Rose Piccinino.

### TALBA

Sinjur Alla tal-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volontà mqaddsa tiegħek.
Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Ammen.

# WARA LI SAR BNIEDEM SAR ĦOBŻ...

L-Adorazzjoni Ewkaristika tat-3 ta' Ġunju 2018 kienet immexxija minn Patri Angelo Mamo, Dumnikan. Huwa qal hekk, "F'isem il-Madonna u f'isem San Ġużepp nixtieq li ngħidilkom grazzi li ġejtu hawn. Jiena cert li l-Familja Divina, Ġesù, Marija u Ġużeppi qed jieħdu gost bikom illum u kull darba li tiġu hawn u jgħidulkom grazzi...

Illum kif tafu niċċelebraw il-festa tal-Ġisem u d-Demm ta' Kristu fl-Ewkaristija. Huwa t-tieni l-akbar misteru tagħna. L-ewwel misteru huwa t-Trinità Qaddisa, Alla wieħed fi tliet persuni, u llum naraw kif it-Tieni Persuna, l-Iben ta' Alla, mhux biss sar bniedem imma wara li sar bniedem sar ħobż biex aħna nkunu nistgħu nersqu lejh u niekluh. Għadna kemm smajna l-kant sabiħ tal-*Panis Angelicus*. Fi ftit kliem dan il-kant jgħid hekk: l-ikel tal-anġli sar ikel tal-bniedem. Ikompli jgħid li dan l-ikel huwa tant kbir li kulħadd jista' jieħdu. Dan il-ħobż li hu Ġesù kulħadd jista' jieħdu, il-fqir u s-sinjur, l-għaref u dak li hu bla skola.

Illum forsi aktar mis-soltu tajjeb li nirriflettu ftit illi hawn quddiemna ma' għandnix biċċa ħobż imma għandna lil Ġesù ħaj. Aħna ma narawhx lil Ġesù imma nemmnu. Għalhekk l-Ewkaristija hija att ta' fidi. Ġesù kemm-il darba fl-iskrittura, fil-vanġelu jgħidilna, "Jien ħa nagħtikom ġismi u demmi bħala ikel u xorb." Imbagħad fl-aħħar ċena qabel miet qalilna kif se jagħtihulna meta biddel il-ħobż u l-inbid f'ġismu u demmu u qal lill-Appostli, "Agħmlu dan b'tifkira tiegħi." San Pawl jibqa' jgħid, "kull darba li nieklu l-ħobż maqsum fl-Ewkaristija nkunu qed nieklu l-ġisem u d-demm ta' Kristu." Aħna dan nemmnuh, u dan huwa l-kobor tagħna, il-kobor li aħna mhux biss nistgħu noqogħdu quddiem Alla imma nistgħu anki nikluh. U kif l-ikel li nieklu aħna jsir aħna, aħna nikbru minħabba li nieklu u nixorbu, hekk ukoll meta nirċievu l-Ewkaristija bid-devozzjoni nkunu qegħdin nikbru spiritwalment.

Għalhekk issa nagħmlu mument ta' skiet, l-ewwel nett ħalli nirringrazzjaw lill-Mulej li tbaxxa tant li barra li sar bniedem sar ħobż għalina. It-tieni nitolbuh lill-Mulej il-grazzja li aħna nemmnu aktar profondament fiH. It-tielet kif fakkarna l-Papa dalgħodu, hemm bżonn li l-Ewkaristija tkun *sharing*, l-Ewkaristija mhux għalija biss imma biex wara li nirċeviha jien naqsam dak li nirċievi mal-oħrajn. U ghax *sharing*, il-ħobż tal-anġli sar il-ħobż tagħna biex naqsmuh mal-oħrajn."

Wara din l-introduzzjoni intqal ir-rużarju u Patri Mamo għamel meditazzjoni qasira fuq kull misteru:

**Meta Sidna Ġesù Kristu għamel l-orazzjoni fl-Ort u għereq l-għaraq tad-demm:** Ejja nimmaginaw issa lil Ġesù, wara li tana l-Ewkaristija, wara li ħasel saqajn l-appostli, mar jitlob fil-ġnien, talab lill-Appostli biex jitolbu ftit miegħu, imma huma raqdu. U Ġesù kien qed jara l-aħħar mumenti qabel ma jibda l-passjoni tiegħu. Kien tant kiefer dan il-mument li Ġesù sa talab lill-Missier, "Missier, jekk jista' jkun tħallinix inbati din it-tbatija, kbira wisq, imma nafda ruħi f'idejk." Aħna kapaci nafdaw lilna nfusna f'idejn Alla? Imbagħad Ġesù qal lill-Apostli, "M'intomx kapaċi toqogħdu siegħa titolbu miegħi?" Kemm minuti ngħaddu aħna ma Ġesù, kemm siegħat ngħaddu ma' Ġesù?



**Meta Sidna Ġesù Kristu kien marbut mal-kolonna u fraġellat:** Kemm hu iebes li tkun tixtieq tagħmel xi ħaġa u ma tistax, tkun marbut. Ġesù marbut, ma jistax lanqas jiċċaqlaq u llum Ġesù għadu marbut fil-persuna umana. Naraw ftit illum kemm hawn nies li ma jistgħux jiċċaqalqu, kemm hawn nies li huma morda ġos-sodda, kemm hawn nies li ma jistgħux jiċċaqalqu għax qegħdin il-ħabs. Kemm hawn nies ma jistgħux jiċċaqilqu għax jekk jiftħu ħalqhom jippersegwitawhom. Kemm hawn nies li ma jistgħux jitkellmu minħabba l-*bullying* li hawn bhalissa, kemm hawn nies li huma ppersegwitati minħabba r-reliġjon tagħhom, mhux biss qegħdin jorbtuhom u jsawtuhom imma saħansitra joqtluhom. Aħna kif qegħdin nittrattawhom lil dawn in-nies? Ġesù qalilna li kullma nagħmlu mal-bnedmin inkunu qegħdin nagħmluh miegħu. Ejja nagħmlu proponiment magħna nfusna li bħala konklużjoni għal dan il-misteru nippruvaw ngħinu lil xi ħadd, kultant imqar daqsxejn ta' kelma, imqar naraw xi persuna li ma tistax tiċċaqlaq għax anzjana, qegħda fid-dar waħedha, abbandunata, nies qegħdin fil-*homes* u ħadd ma jmur jarahom. Jalla jkollna grazzja li aħna lil dawn in-nies immorru ngħinuhom, inkunu verament qed ngħinu lil Kristu.

**Meta Sidna Ġesù Kristu kien inkurunat bix-xewk:** Sikwit naraw nies li qed jiġu nkurunati, fil-konkorsi li jsiru, Miss hekk u Miss hekk u Mr. hekk u Mr. hekk u jpoġġulhom kuruna fuq rashom u faxxa. Lil Ġesù flok faxxa neżżgħulu ħwejjġu, flok kuruna tad-deheb tawh kuruna tax-xewk. Tgħid jien qed inkun kompliċi li nweġġa' lill-Mulej billi nneżżgħu mill-identità tiegħu meta jien nabbuża minn xi ħadd? Meta jiena ma nħallasx lil dawk li jiddependu minni kif jixraq, meta jiena ma nagħmilx xogħoli kif suppost nagħmlu, inkun qed nisraq l-identità ta' Ġesù għax jiena ngħid li jien kattoliku u nagħmel dawn l-affarijiet ħżiena kollha. Imbagħad aħna llum flok kuruna nagħtu medalja, medalja għall-isports... Lili bħala Patri Anġ, bħala nisrani, bħala Dumnikan, x'midalja ħa jagħtini l-Mulej? Tgħid jien jistħoqqli xi midalja? San Pawl jgħid, "tħabtu mhux għall-midalja jew għall-kuruna li tosfor imma għall-premju li jagħtina Alla u jibqa' għal dejjem."

**Meta Sidna Ġesù Kristu kien mgħobbi s-salib mingħand Pilatu sal-Kalvarju:** Ġesù ġie mgħobbi s-salib li ma kienx tiegħu, inġustament. Naraw illi Pilatu stess jgħid li ma sab xejn ħazin fih imma xorta bagħtu għal qtil, naraw lil Ġesù jaqa' kemm-il darba għax ma felaħx. Minn jaf kemm-il darba

jiena nimbuttah lil Ġesù biex jaqa' - bl-aġir tiegħi, bil-mod kif jiena ngħix, ikun qed nagħtih gambetta lil Ġesù ħalli jaqa'. Kien hemm il-Veronika li xxottatlu wiċċu, kien hemm dawk in-nisa li bkewh imma ma għamlu xejn, kien hemm Xmun iċ-Ċirinew li ħa fuqu s-salib, kien hemm affarijiet oħra. Kemm hawn nies li forsi aħna nistgħu ngħinuhom ftit biex ma jaqgħux u jekk jaqgħu jkunu jistgħu jqumu u jibqgħu mexjin. Nitolbu lil Ġesù li aħna nkunu bħal dawn in-nies kollha li għenu lil Ġesù, li aħna nkunu ċ-Ċirinew, li ngħinu lil xi ħadd jerfa' s-salib tiegħu ta' mard, ta' nuqqas ta' mħabba, ta' mibgħeda li qed isofru, li aħna nkunu bħal dik il-mara li xxuttatlu d-demm u l-għaraq tiegħu, inkunu bħal dawk in-nisa li akkumpanjawh u nuruh li qegħdin hemm biex naqsmu miegħu t-tbatija.

**Meta Sidna Ġesù Kristu kien mislub fuq is-salib u wara tliet siegħat tal-agunija miet:** Kulħadd kien qed jistenna li dan Ġesù kien ħa jsalva lill-poplu imma minflok narawh imsallab. Kienet verament telfa ta' Ġesù li ħalla li jissallab? Kieku Ġesù ma mietx kien jurina li ma jħobbnix sal-aħħar għax Hu qal, "mhemmx imħabba akbar milli wieħed jagħti ħajtu għal ħaddieħor". Għalhekk Ġesù aċċettta li jmut biex jagħtina prova li hu jħobbna sal-aħħar. Imma hu ried imut biex imbagħad iqum mill-mewt. Huwa l-akbar miraklu li Ġesù seta jagħmel, iqajjem lilu nnifsu mill-mewt. Għalina l-importanti li naraw lil Ġesù fuq is-salib mhux biex ngħidu miskin kemm bata imma biex naraw jien inhiex inkun kompliċi fit-tbatija tiegħu. It-tieni biex niftakar kemm Ġesù ħabbni. Jiena x'għamilt? Kif qalilna l-Papa llum stess illi fl-Ewkaristija Ġesù jagħtina kollox u aħna nagħtuh ftit jew xejn. Fuq is-salib l-istess Ġesù jurina li tana kollox saħansitra lil ommu. L-Ewkaristija hija it-tiġdid, il-kontinwazzjoni tal-mewt u l-qawmien ta' Ġesù. Għalhekk l-Ewkaristija hija ħaġa attwali, Ġesù qiegħed rejalment preżenti hawn b'ġismu, b'demmu, bid-divinità tiegħu. Ejjew naraw Ġesù kemm ħabbna u x'nista' nagħmel jien biex inħobbu.

Però bħala l-għeluq ta' din il-meditazzjoni tagħna nixtieq li nippruvaw niftakru mqar kelma minn dak kollu li sar illejla hawnhekk, kollox jista' jwasslilna messaġġ tal-Mulej: il-kant, ir-rużarju, it-talb, il-litanija. Ma nħallux din il-lejla tgħaddi issa bla ma jibqa' xejn, nitilqu minn hawn u spiċċa kollox, alla jħares ikun hekk. Nixtieq jiena wkoll, u dan qed ngħidu għalija wkoll, li aħna nħarsu lejn id-dinja, lejn Malta tagħna kif qed tispiċċa. Ftit ilu smajna l-murtali, il-murtali x'ifissru? Tgħid Ġesù ħa aktar gost bil-murtali milli minna li qegħdin hawn madwaru? X'ifissru l-murtali, x'ifissru ħafna mill-festi li nagħmlu? Jekk ma hemmx Alla fihom, ikunu bħalma qalilna San Pawl, bħal qanpiena li ddoqq, biċċa landa li ddoqq u ma tagħmel xejn. Jalla aħna nibdew nirriflettu fuq dak li nagħmlu. Aħna nafu li Malta qegħda tispiċċa għax qed inkeċċuh lil Alla. La nkeċċu lil Alla flok l-imħabba qegħda tikber il-mibegħda.



Basta naraw kemm qed jiżdied il-kliem li joffendi, kliem ta' mibegħda, fuq il-gazzetti, fuq ir-*radio*, fuq it-*television*, fuq il-*Facebook,* kemm hawn kliem ta' mibegħda. Nistgħu ma naqblux, alla jħares kulħadd jaqbel, imma l-mibegħda le, il-mibegħda aktar qed tifridna minn xulxin u minn Alla, il-mibgħeda ġejja mix-xitan, ħadd ħlief ix-xitan ma jiżra fina kliem ta' mibegħda u dan ifisser li aħna kif qal Ġesù, min mhux miegħi hu kontra tiegħi. Kif qed jgħid Ġesù, jekk inneħħu lil Alla bilfors qed indaħħlu lix-xitan minfloku, il-qalb tagħna ma tistax tibqa' vojta, jew ħa nimlewha b'Alla jew bix-xitan, il-konsegwenzi huma kbar ħafna.

Kemm nixtieq nispiċċa din ir-riflessjoni b'innu antik imma sabiħ ferm. Ser naqra strofa u mbagħad inkantaw strofa waħda:
'Għidtilna kelma Ġesù bin Alla
Aħna emminieha għax għidtha Int:
"Kulu dan ġismi, dan demmi ixorbu,"
U l-anġli stagħġbet kemm iċċekkint
Deh wettaq int Marija, il-fehema fit-twemmin
Għax aħna rridu lil Ġesù Ibnek isaltan dejjem fost il-Maltin.'
Veru li l-Maltin iridu li Ġesu isaltan fuqhom? Il-knejjes qed jiżvujtaw, id-dagħa qed jikber, il-mibegħda qed tikber."

Il-laqgħa spiċċat bil-barka sagramentali.

**Sylvana Spiteri LL.D**

## AVVIŻI

### L-ASSEMBLEA ĠENERALI

Fil-laqgħa tas-16 ta' Settembru 2018, fil-Girgenti ser issir l-Assemblea Ġenerali biex taħtar Kumitat ġdid għas-snin 2018 - 2021.

Għaldaqstant, dawk li jħossu li jistgħu b'dedikazzjoni jaħdmu bħala membri tal-Kumitat, għall-ġid tal-Moviment tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, għandhom jippreżentaw ruħhom bħala kandidati. Dawk interessati għandhom jikkuntattjaw lis-Segretarja jew lil xi membru ieħor tal-Kumitat sabiex jimlew il-formoli neċessarji li ssussegwentament jiġu approvati mill-Kumitat skont l-Istatut. Dawn l-applikazzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kumitat mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu 2018.

### L-ANNIVERSARJU MILL-MEWT TA' ĠUŻA MIFSUD

Fl-okkażjoni tat-tnejn u għoxrin-il anniversarju mill-mewt ta' Ġuża Mifsud, ser tiġi ċelebrata quddiesa għar-ruħha fil-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi it-Tnejn 29 ta' Ottubru 2018 fis-6.30p.m. Nappella sabiex nattendu bi ħġarna.